MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 1700/1998/1

Kawza fil-lista: 44

**AB**
**vs**
**CD**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Billi l-partijiet izzewgu fil-15 ta’ Lulju 1990 u minn dan iz-zwieg twieldu E fil-21 ta’ Lulju 1991 u F fit-18 ta’ Dicembru 1992;

Billi z-zwieg bejn il-partijiet tfarrak irrimedjabilment billi l-konvenut irrenda ruhu hati lejn l-attrici u l-minuri ta’

eccessi, mohqrija, sevizzi u ingurji u ghalhekk il-hajja konjugali bejn il-partijiet m' ghadiex aktar possibli;

Billi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak irrimedjabilment;

Peress illi b' digriet numru 907/98 l-attrici giet awtorizzata tistitwixxi din il-kawza f' isimha u f' isem il-minuri E u F.

Jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

2. Tassenja l-kura u l-kustodja tal-minuri E u F f' idejn l-attrici;

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attrici dik is-somma li joghgobha tiffissa bhala manteniment ghall-attrici u ghall-minuri b' dawk il-modalitajiiet li din l-istess Qorti joghgobha tiffissa;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti gja ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-istess f' porzjonijiet skond il-ligi;

5. Tapplika kontra l-konvenut l-artikoli 48, 51, 52 jew kull artikolu iehor applikabbli skond il-ligi;

6. Tordna li r-rikorrenti u l-minuri ghandhom jibqghu jirrisjedu fid-dar konjugali, Casa Montegri, Triq il-Merill, Ghaxaq filwaqt li l-intimat ghandu johrog mill-istess dar, kif del resto, diga' ordnat l-Onorabbli Sekond' Awla.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa li:

1. Illi, preliminarjament hemm lok ghas-separazzjoni personali tal-kontendenti, izda kwalsiasi tort huwa imputabbli lill-attrici.

2. Illi, fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni u l-hames talba attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat ir-relazzjonijiet tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Anna Mallia[1], u tal-perit tekniku l-AIC Alan Saliba[2], minnhom debitament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali minn ma zewgha l-konvenut, peress li l-konvivenza matrimonjali bejniethom m' ghadhiex aktar possibbli, ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess konvenut bazati fuq id-dispost ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu, il-konvenut, filwaqt li jaqbel mat-talba ghas-separazzjoni personali, jattribwixxi l-htija lill-attrici.

**Separazzjoni Personali**
**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-provi rrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-15 ta' Lulju 1990 wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sitt snin; u minn dan iz-zweg kellhom zewgt-it tfal E li twieldet fil-21 ta' Lulju 1991, u F, illum mejta, li twieldet fit-18 ta' Dicembru 1992.

[1] Fol.692 *et seq.*
[2] Fol.361 *et seq.* u fol.373 *et seq.*

Il-partijiet irriskontraw diversi problemi matul il-konvivenza matrimonjali, li wara t-twelid tat-tieni tarbija komplew jaggravaw ruhhom; u fis-sena 1998, wara li hu l-attrici, kien stqarr maghha li l-konvenut kien abbuza sesswalment minnu, kemm qabel, kif ukoll wara, iz-zwieg, l-attrici bdiet il-proceduri ghas-separazzjoni personali.

*Versjoni Attrici*
Illi l-attrici tispjega li meta hi kien ghad kellha sitt snin hija kienet abbuzata sesswalment minn missierha, liema abbuz baqa' ghaddej ghal numru ta' snin, u kien isir anke permezz ta' vjolenza fizika u morali fuqha. Hija tghid: "l-unika haga li stajt naghmel sabiex nitlaq mid-dar kienet li nizzewweg."[3]; u, ghalkemm kienet taf li l-konvenut ma kienx jghodd ghaliha u kellu fih affarijiet li kienu jdejjquha "il-hazen tieghu ma kienx daqs ta' missieri, u jiena kont nissapporti"[4] Tghid li, ghalkemm matul il-perijodu tal-gherusija hija kienet skopriet li l-konvenut kien jigdeb u kien jghir hafna ghaliha, u, ghalkemm huma kienu jillitgaw hafna u anke jiggieldu bl-idejn, hija xorta wahda riedet tizzewweg; ghax "jien izzewwigt biex nahrab mid-dar, u ma tajtx kaz kif inhu [il-konvenut]. Habbejtu jew ma habbejtux ma kienx jimpurtani."[5]

L-attrici tilmenta mill-fatt li matul iz-zwieg il-konvenut kien possessiv u dominanti fil-konfront taghha; kien isawwatha u jghajjat maghha u jheddida, kien egoist u xhih maghha, kif ukoll kien jabbuza mill-alkohol. Hija tilmenta wkoll mill-fatt li ma kienx ta kaz tax-xewqa taghha li jistennew ftit ghat-tfal, u kien insisti maghha biex jipprovaw ghat-tfal mill-ewwel; fil-fatt hekk sar, u anke wara l-ewwel tarbija fi spazju ta' sena u nofs twieldet it-tieni tarbija. L-attrici tispjega li zewgha ried li jkollhom izjed tfal sabiex hi tkun marbuta d-dar; izda wara t-tieni tarbija hija bdiet tiehu l-pillola kontracettiva ad insaputa tieghu. Hija tilmenta mill-fatt li l-konvenut kien jimponi l-att taz-zwieg fuhqa u skond hi "is-sess sar abbuz u konna naghmlu dejjem dak li jixtieq hu."[6]

---

[3] Dep. Fol.63
[4] Ibid.
[5] Dep. Fol.408
[6] Aff. Fol.649 *et seq.*

Hija tghid li meta zzewwget lill-konvenut, "jiena kont indunajt illi r-ragel kont inhobbu daqs hija, izda b' dak il-mod biss, u mhux izjed u kont nispera illi xi darba stajt inhobbu bhala r-ragel tieghi."[7]

L-attrici tghid li f'okkazzjoni minnhom fis-sena 1997, huha z-zghir Dione, kien kkonfessa maghha li anke hu kien gie abbuzat sesswalment minn missierhom; u stqarr ukoll, li fl-istess perijodu, u cioe' tlett snin qabel iz-zwieg tal-partijiet, u sa sentejn wara z-zwieg, sakemm huha kien ghalaq il-hmistax-il sena, il-konvenut ukoll kien f' diversi okkazzjonijiet abbuza minnu sesswalment. Din l-informazzjoni kienet ta' xokk u ta' dispjacir kbir ghall-attrici, kemm ghax kien iddispjaciha ghal huha li kienet thobbu hafna, kif ukoll ghax riedet tipproteggi lil uliedha minn dan it-tip ta' abbuz da parti tal-konvenut; ftit wara fethet il-proceduri odjerni.

*Verzjoni tal-konvenut*

Illi minn naha tieghu l-konvenut jichad bil-qawwa kollha, l-allegazzjonijiet ta' abbuz maghmula minn martu, rigward uliedhom u huha z-zghir. Huwa jsosnti li hija l-attrici l-kagun tal-inkwiet matrimonjali u tat-tifrik taz-zwieg taghhom; "ghax naqset milli tipprova tkun onesta mieghi, u [kienet] daqshekk bierda."[8]

Il-konvenut jispjega li martu kienet tahbilu u ma kienitx tghidlu kollox. Isemmi l-okkazzjoni meta hi kienet qaltlu li ma kienx veru li hi kienet korriet bit-tqala' ta' qabel iz-zwieg, izda kienet ghamlet abort ad insaputa tieghu; u sussegwentement missierha kien talbu s-somma ta' Lm300 ta' l-ispejjez relattivi mhallsa minnu. Din l-allegazzjoni ma gietx michuda mill-attrici.

Huwa jghid li l-inkwiet matrimonjali serju beda jfegg xi sentejn wara t-twelid tat-tieni tarbija taghhom meta beda jara li martu "Ma kienitx tghidli kollox, u kienet tahbi hafna. Kienet bierda bhala bniedema u ma kellhiex hlewwa

---

[7] fol.64 – sottolinera tal-Qorti
[8] Aff. Fol.140 *et seq.*

mieghi. Kienet dejjem tipprovokani sabiex taqbad glieda."[9] Kien hemm "certu possessivita' minn naha [taghha] fuq it-tfal. Kienet donna trid iggebidhom lejha u ddawwarhom kontriha."[10] Jghid li meta t-tfal kellhom xi sentejn u tlett snin, l-attrici bdiet titbieghed aktar minnu; bdiet twarrbu u bdiet taghti aktar importanza lit-tfal.

Il-konvenut isemmi okkazzjoni meta kien ra lill-attrici go Paceville ma' habiba taghha u nqala' incident, peress li ma kienitx qaltlu li sejra hemm. Sussegwentement is-sitwazzjoni ppeggjorat u l-attrici la bdiet issajjarlu u lanqas tahsillu hwejjeg.

Huwa jilmenta mill-fatt li kien biss mir-rapport tal-Psikologa Maria Blackman, nominata mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, li huwa sar jaf l-ewwel darba li l-attrici kienet ghal diversi snin abbuzata minn missierha; u li minkejja din is-sitwazzjoni, li hu ma kienx jaf biha, l-attrici xorta wahda kienet tiehu t-tfal ghand il-genituri taghhom li joqghodu f' post adjacenti ma taghhom u li z-zewg postijiet kienu jinfdu mill-garage li fih kien ikun hemm missierha regolarment. Huwa jishaq li martu kienet ingannatu tul dawn is-snin kollha, u jghid li issa jifhem ghaliex matul ir-relazzjoni matrimonjali hija kienet tikkomporta ruhha b' mod eccentriku.

Huwa jichad bil-qawwa kollha li qatt abbuza sesswalment minn uliedu; u rigward, l-allegazzjoni ta' hu l-attrici, il-konvenut jghid li huwa stramb il-fatt kif huwa kien qal li kien jahrab minn missieru ghaliex kien jabbuzah, u fl-istess waqt kien imur, kull nhar ta' Sibt, mal-konvenut ghal hames snin shah biex iqatta' z-zmien fir-razzett, biex skond hu, jigi wkoll abbuzat sesswalment "b' mod aktar annimalesk minn missieru."[11] Il-konvenut jispejega kif okkazzjoni minnhom l-istess Dione kien qieghed fil-kamra jimmasturba wara li kien sab magazine tal-Playboy.

Illi quddiem il-Psikologa Maria Blackman, ix-xhud Dione kien spjega li huwa ddecieda li jitkellem issa dwar l-abbuz

---

[9] Ibid.
[10] Ibid.
[11] Ibid.

allegat minnu fil-konfront tal-konvenut, wara li r-relazzjoni matrimonjali bejn il-partijiet kienet ixxaqqet sewwa, u allura kien lest li jitkellem biex jghin lil ohtu u lill-ulied tal-partijiet. Fix-xhieda tieghu huwa jispjega li kien imur mal-konvenut fir-razzett biex jahrab mill-abbuz sesswali kontinwu ta' missieru, u hemmhekk kien jabbuza bih il-konvenut billi l-ewwel "jimmastrubani u mbaghad jimmasturba fuqi." Huwa jghid li kien biss meta kellu hmistax-il sena li ntebah li dak kien li kien qed isir, kien abbuz fuqu, u ghalhekk beda jsib skuza biex ma jmurx mal-konvenut.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan ir-rigward, il-Qorti ma taqbilx mal-perit legali fil-konkluzjoni taghha li l-htija tal-firda hija attribwibbli biss lill-konvenut. Il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi jrrizultaw fatti sodisfacentement provati li jwasslu ghall-htija taz-zewg partijiet ghat-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg taghhom. Din il-konkluzjoni hija bazata fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:

[1] Jirrizulta ammess u provat li l-attrici kienet izzewwget lill-konvenut bl-"uniku skop"[12] li titlaq mid-dar tal-genituri taghha fejn kienet ilha tigi abbuzata sesswalment minn missierha. Hija tikkonferma li ma kienitx thobb lill-konvenut bhala r-ragel taghha. Fi kliemha: "Habbejtu jew ma habbejtux ma kienx jimpurtani."[13]

Il-Qorti tosserva li dan il-fatt jiffortifika, fuq bazi ta' versoimiljanza qawwija, it-tesi tal-konvenut li fiz-zwieg l-attrici kienet bierda mieghu, u meta kellha t-tfal hija kienet tidderigi l-imhabba taghha kollha lejhom, filwaqt li kienet twarrab lill-konvenut. Dan il-komportment ta' l-attrici fil-konfront ta' zewgha, fuq bazi kontinwa matul iz-zwieg, jikkostitwixxi sevizzi fit-termini ta' l-artikolu 40 fuq citat; ghax nuqqas manifest ta' affezzjoni da parti ta' konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor, u dan fuq bazi <u>kontinwa</u> u ghal certu tul taz-zmien jikkostitwixxi mohrija u jirrendi mpossibbli l-konvivenza matrimonjali pacifika. Mill-provi jirrizulta car li l-attrici qatt ma habbet lill-konvenut, la qabel

[12] Dep. Fol.63
[13] Supra

iz-zwieg, u wisq anqas wara, u kienet izzewwgitu unikament ghal konvenjenza taghha, u sabiex tinqeda bih; u f' dan il-kunstest facli li wiehed jifhem ghaliex dan iz-zwieg kien karatterizzat minn litigji kontinwi bejn il-partijiet, u li kienu jirrisalu anke sa qabel iz-zwieg. Fil-fatt l-attrici tghid li qabel iz-zwieg "konna niggieldu bl-idejn ukoll b' kemm ghandna sahha"[14]

[2] Illi minn naha tieghu l-konvenut sa minn qabel iz-zwieg, jirrizzulta li kien bniedem possessiv u dominanti, u kien jimponi d-decizjonijiet tieghu fuq martu l-attrici, anke jekk dina kienet turih l-opposizzjoni taghha. Kien ukoll jirreagixxi ghall-komportament ta' l-attrici b' mod aggressiv, ghalkemm ma giex provat li huwa kien jerfa' jdejh fuqha. Dan il-komportament da parti tal-konvenut, kellu l-effett negattiv tieghu fuq ir-relazzjoni matrimonjali tal-partijiet, u kkontribwixxi ghat-tifrik taz-zwieg.

[3] Illi rigward l-abbuz sesswali li hu l-attrici allega li gie kommess fuqu mill-konvenut, il-Qorti, wara li ezaminat ir-rapport tal-psikologa, nominata mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, u ezaminat bir-reqqa ix-xhieda dettaljata moghtija in kontro ezami mill-imsemmi Dione, hija propensa li tghati affidament ghall-konkluzjoni li kkonferma l-ezistenza ta' attivita' sesswali fi grad ta' masturbazzjoni bejn il-konvenut, u l-imsemmi Dine allura minorenni, u dana fuq bilanc ta' probabilitajiet.

Il-Qorti pero' tosserva ulterjorment li l-attivita' sesswali ezercitata ma tistax titqies bhala adulterju fit-termini ta' l-artikolu 38 tal-Kap.16, stante, li kif ricevut fil-gurisprudenza nostrana li "biex ikun hemm l-adulterju jehtieg li jkun hemm '*corporis traditio ad actus per se aptos ad prolis generationem*' u l-Qorti ma tistax tara li tali possibilita' tigri bejn individwi ta' l-istess sess. Kwindi f' relazzjoni lesbika/omossesswali ma jistax jikkonfigura l-adulterju izda l-offiza gravi fil-konfront tal-konjugi l-iehor". [*PA George Joseph Cassar vs Grace Cassar 5.07.1990*]

---

[14] Aff..fol.649

Dan il-komportament abusiv tal-konvenut jikkostitwixxi ngurja gravi fil-konfront ta' martu l-attrici, u huwa tali li ghandu jattira kontra tieghu d-dekadenza kontemplata fl-artikolu 48[1] b' applikazzjoni ghall-artikolu 51 tal-Kap.16

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, kagun tas-'sevizzi' da parti taz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxin; u ngurja gravi da parti tal-konvenut, fit-termini ta' l-artikolu 40 fuq citat, liema fattur huwa tal-gravita' tali li ghandu jimporta fil-konfront ta' l-istess konvenut id-dekadenza kontemplata fl-artikolu 48[1] fl-intier tieghu bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 51 ta' l-istess Kap.

**Kura u Kustodja**

Ilum E, it-tifla tal-partijiet, ghandha kwazi 17-il sena, u di fatti fil-21 ta' Lulju 1991 ser issir maggjorenni.

Jirrizulta li l-konvenut ilu zmien twil ma jara lil bintu li jidher li "rari kienet tmur ghall-access"[15] peress li, kif qalu s-social workers inkarigati mill-kaz, it-tifla ma kienitx tkun trid tmur.

Jidher li l-pozizzjoni llum baqghet l-istess, u fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu l-konvenut jammetti li llum "ir-relazzjoni bejn il-missier u t-tifla tista' tghid hija prattikament inezistenti"[16] Jidher li matul iz-zmien il-partijiet, u senjatament il-konvenut, ma hadux mizuri, wara r-rapport tal-Psikologa Mariella Blackman, biex jaddottaw ir-rakkomandazzjonijiet taghha b' tentattiv biex terga' tigi stabbilita relazzjoni tajba bejn il-konvenut u bintu.

F' dan il-kuntest, u tenut kont tal-fatt ta' l-eta' tat-tifla llum li tatiha grad ta' maturita' sufficjenti sabiex, ghalkemm ghadha minorenni, it-tifla taghmel id-decizjonijiet taghha f' dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehema li kull imposizzjoni min-naha taghha fuq il-minuri sabiex hi tigi mgieghla tara lil missierha tkun mhux biss inutili, izda probabbilment kontro-produttiva.

[15] Nota fol.750
[16] Ibid.

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehema li, filwaqt li tafda lill-attrici bil-kura u kustodja tal-minuri, l-access tal-missier ghandu jithalla fid-diskrezzjoni tat-tifla li ghandha tiddeciedi hi dwar l-istadju opportun li din terga' tiltaqa' ma missierha; u tissollecita lill-istess konvenut sabiex jattendi programm ta' terapija bil-ghan li jghinu fis-sitwazzjoni tieghu biex jerga' jistabbilixxi relazzjoni tajba ma' bintu.

**Manteniment**
Illi permezz ta' digriet moghti mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Lulju 1998, il-konvenut kien gie ordnat li jhallas lill-attrici s-somma komplessiva ta' LM60 fil-gimgha, rapprezentanti in kwantu ghal LM20 bhala manteniment ghaliha, u Lm20 ghal kull wahda miz-zewg minuri, E u F. Sussegwentement, bil-mewt tat-tifla F fis-19 ta' Novembru 2001, il-manteniment dovut mill-konvenut gie ridott ghal LM40 fil-gimgha.

Illi sa dak iz-zmien il-konvenut kien jahdem fil-barriera mikrija lilu mis-socjeta' Bartmik Ltd, u wkoll kellu zewg haddiema jahdmu mieghu. Mill-balance sheets prezentati mill-konvenut jirrizulta li fis-sena 1996 huwa ddikjara li kellu net revenue ta' LM6,543.04, filwaqt li fis-sena 1997 iddikjara net revenue tieghu kien ta' LM3,296.16.[17]

Illi jirrizulta li fis-sena 1998 il-konvenut trasferixxa l-kirja tal-barriera lil huh, u mpjega ruhu ma' huh fix-xoghol ta' l-istess barriera, izda fuq funzjoni amministrattiva. Il-konvenut jghid li huwa kien kostrett li jaghmel dan il-pass minhabba ragunijiet ta' sahha, u pprezenta in sostenn, certifikat mediku mahrug mill-Kirurgu Dottor Anthony Zammit, fejn dan ta' l-ahhar iccertifika li minhabba li l-konvenut kien ibati minn hernia, huwa kellu jevita xoghol ta' strapazz.

Illi din il-Qorti ghandha rizervi serji dwar il-veracita' ta' l-allegazzjoni tal-konvenut li hu kien gie kostrett ghar-ragunijiet ta' sahha li jitrasferixxi l-kirja tal-barriera; u dan in vista tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

[17] Fols.206 *et seq.*

[1] Illi ic-certifikat igib id-data tat-28 ta’ Settembru 1998, u cioe’ circa xaharejn wara li nhareg id-digriet moghti mis-Sekond Awla, u r-rilaxx tal-barriera da parti tal-konvenut saret proprju f’ dan iz-zmien.

[2] Illi inoltre ma giex prodott bhala xhur l-awtur tac-certifikat sabiex jispjega aktar fil-fond il-konsegwenzi tal-kondizzjoni medika ndikata fl-istess certifikat; u b’ mod aktar specifku kemm kienet akuta din il-kondizzjoni, u jekk il-konvenut setghax jaghmel xi kura biex jelimina jew jirriduci l-effetti taghha.

[3] Illi il-kontenut tal-paragrafu precedenti jassumi aktar relevanza in vista tal-fatt provat li kif xehed Mikiel Agius “lill-konvenut ghadni narah fil-barriera sal-lum. Gieli rajtu jghin lil huh f’ xi haga bhala igerbeb xi kantun.”[18] Hu l-attur Giulio Magri ma tressaqx bhala xhud.

[4] Illi, inoltre, u b’ aktar qawwa jigi osservat, li ma rrizulta ebda ostakolu li mpedixxa lill-konvenut milli jzomm il-barriera u jqabbad nies sabiex jaghmlu x-xoghol ta’ strapazz; wara kollox meta l-barriera kienet f’ idejh, huwa kellu zewg haddiema jahdmu mieghu, minbarra l-istess huh li kien jghinu hafna.[19]

Illi l-premessi konsiderazzjonijiet wasslu lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li l-konvenut kien irrilaxxja l-barriera u impjega ruhu b’ inqas introitu sabiex jevita li jhallas manteniment aktar lill-martu l-attrici.

In propositu hija relevanti l-osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kawza *PA[FD] Jane Camilleri vs Carmelo Camilleri*[20] “[ir-ragel] m’ghandux jigi liberat mill-obbligu sagrosant tieghu li jmantni lil martu u lil bintu li fi zmienijiet forsi ahjar kien ghazel li jgib fid-dinja; huwa veru li l-ligi titlob li l-manteniment ghandu jinghata skond il-qligh tar-ragel u l-utili tieghu; pero’ dan ma jistax jigi nterpretat b’ mod li r-ragel jista’ meta jrid jirrizenja mix-xoghol bla

[18] Depoz.14 ta’ Jannar 2004
[19] Ibid.
[20] Deciza 7 ta’ Novembru 1990

raguni gustifikattiva u jhalli lil martu u lil bintu bla ma jipprovdi ghalihom…. Din tkun tassew ingustizzja kbira mad-dipendenti tieghu; jinghad ukoll li f' dan il-kaz tkun qed issir ingustizzja mal-pajjiz kollu, stante li l-istat irid imantni tnejn minn nies bi flus li jistghu jintefqu ghal skopijiet socjali ohra."

Illi llum il-konvenut ghandu ntroitu dikjarat ta' Lm54.75 gross fil-gimgha, liema introijtu seta' kien hafna ahjar li kieku ma ghamilx il-manuvra awto distruttiva li ttrasferixxa l-gestjoni tal-barriera lil huh li sa dak in-nhar kien jghinu hafna fix-xoghol fil-barriera. Minn naha l-ohra pero' ma jistax jigi njorat dak li xehed Mikiel Agius fix-xhieda tieghu tal-14 ta' Jannar 2004, li "il-barriera ma baqghalhiex hajja."; kif ukoll il-fatt li l-ftehim li kien sar fid-9 ta' Jannar 1996[21] dwar l-uzu tal-barriera mill-konvenut skada fit-8 ta' Jannar 2004, peress li kien limitat ghal tmien snin.

Illi tenut kont tal-premess, kif ukoll tenut kont tal-fatt li l-attrici hija wkoll parzjalment hatja ghall-firda, u tenut kont tal-fatt li ma hemm xejn x' jostakola lill-attrici milli tkompli taghmel ix-xoghol ta' hjata kif kienet taghmel qabel, liema xoghol jista' facilment jsir mid-dar, u tenut kont li t-tifla E llum ghandha 17-il sena; il-Qorti tikkunsidera li l-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta' LM15 fil-gimgha, rapprezentanti manteniment ghaliha kemm-il darba kien ma tkunx qed tahdem b' introitu adegwat, u s-somma ta' LM20 fil-gimgha rapprezentanti manteniment ghall-minuri E, sakemm din taghlaq it-tmientax-il sena, jew qabel jekk tahdem bi qligh.

Illi jirrizulta pacifiku li ma hemmx arretrati ta' manteniment dovut.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

*Id-Dar Matrimonjali*

Illi jirrizulta pacifiku li d-dar matrimonjali bl-isem "Casa Montegri" Triq il-Merill Hal Ghaxaq hija proprjeta' parafernali ta' l-attrici; izda l-konvenut jsostni li tul l-gherusija huwa ghamel diversi xogholijiet f' dan il-fond,

[21] Skittura privata fol.201 *et seq.*

elenkati minnu dettaljatament fl-affidavit[22] tieghu u sostnuti f' ricevuti u invoices. Dawn jammontaw komplessivament ghas-somma ta' Lm8,642.30.

*Mobbli*
Fl-istess affidavit il-konvenut jelenka oggetti u ghamara mixtrija minnu qabel iz-zwieg, li komplessivament jammontaw ghas-somma ta' Lm3,854, li meta tnaqqas minnha 5% ghad-deprezzament fil-valur tal-mobbli, tirriduci ruhha ghal Lm3,661.30.[23]

Il-konvenut jghid ukoll ghamel "xogholijiet" [li fil-verita' huma oggetti] fid-dar matrimonjali tul iz-zwieg, li komplessivament jammontaw ghas-somma ta' Lm2,727.20 li meta tnaqqas minnha 5% ghad-deprezzament fil-valur tal-oggetti tirriduci ruhha ghal Lm2,590.84. Jigi osservat pero' li dawn fil-fatt huma oggetti li nofshom jappartjeni lill-attrici, u ghalhekk il-kreditu tieghu f' dan ir-rigward huwa ta' Lm1,295.42.[24]

Ghaldaqstant il-kreditu tal-konvenut f' dan ir-rigward jammonta komplessivament ghas-somma komplessiva ta' Lm4,956.72.[25]

Apparti mill-mobbli elenkati minnu, jidher li l-konvenut mhu qed jippretendi xejn aktar mill-mobbli li hemm fid-dar.

Illi inoltre, rigward is-senter u z-zewg band saws, il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni raggjunta mill-p erit legali fil-pagna sittax[26] tar-rapport taghha, u ghalhekk l-attrici hija kreditrici tal-konvenut fl-ammont ta' Lm300, pagabbli mal-konsenja ta' l-imsemmija ghodda lill-konvenut.

*Barriera*
Illi mill-provi jirrizulta li permezz ta' skrittura privata data 9 ta'Jannar 1996, il-konvenut kien dahal fi ftehim ma' Mikiel u Bertu, ahwa Agius, ghan-nom tas-socjeta' Bartmik Ta l-

---

[22] Fols.146 u 147
[23] Lm3,854 - [5% ta' Lm3,854] = Lm3,661.30
[24] Lm2,727.20 – [5% ta' Lm2,727.20] = Lm2,590.84 ÷ 2 = Lm1,295.42
[25] Lm3,661.30+ Lm1,295.42
[26] Fol.708

Iklin Limited li permezz tieghu l-konvenut akkwista l-uzu tal-barriera versu l-korrispettiv hemm indikat, u dan ghal perijodu ta' tmien snin li skada fit-9 ta' Jannar 2004.

Illi fl-istess sena li hareg id-digriet mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Settembru 1998, il-konvenut ittrasferixxa bla kumpens d-drittijiet tieghu ta' "utilitsta" tal-barriera lil huh, izda baqa' jahdem fil-barriera bhala mpjegat ma' huh.

Illi l-attrici, apparti mill-fatt li tikkontesta l-fatt li l-konvenut kien trasferixxa d-dritt tieghu bla kumpens, qeda tippretendi nofs il-qligh li l-konvenut kien ghamel mill-barriera; u qed tikkontesta wkoll il-figuri ndikati fil-balance sheets fuq imsemmija. Minn naha tieghu l-konvenut, fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu, isostni li l-flus kienu ntefqu meta kien ghadu jikkonvivi ma' l-attrici.

Konsegwenzjalment gie nominat minn din il-Qorti, fuq talba taz-zewg partijiet, il-Perit Alan Saliba sabiex, wara li dan jikkonstata kemm inqatghu livelli fil-barriera mid-data li din giet f' idejn il-konvenut, jikkomputa l-introjitu gross shih tul dan il-perijodu. Il-partijiet permezz ta' nota kongunta kienu qabblu li fl-ezekuzzjoni ta' l-inkariku tieghu l-perit tekniku, "partikolarment sabiex jigi jdentifikat l-gholi tal-barriera mahdum mill-konvenut, l-istess perit jista' jaghmel referenza ghax-xhieda ta' Mikiel u Bertu, ahwa Agius."[27]

Fir-relazzjoni tieghu l-imsemmi perit ikkonkluda hekk: "Jekk wiehed jikkunsidra fond totali maqtugh mill-konvenut ta' sittin dawra, dan jindika li l-introjtu gross kien ta' mija sitta u tletin elf, seba' mija u erbghin liri maltin [Lm136,740]."[28] Minn dan l-ammont ghandhom jitnaqqsu l-ispejjez tal-kera, u spejjez ohra bhal pagi, fuel u makkinarju, sabiex wiehed jasal ghall-introjtu nett.

Hija rilevanti l-osservazzjoni li l-konkluzjoni tal-perit tekniku ma gietx kontradetta mill-konvenut, li minn naha

[27] Fol.382
[28] Relazzjoni fol.373 *et seq.*

tieghu ma xehedtx f' dan ir-rigward, ghajr sabiex jikkonferma l-audited accounts ghas-snin 1996 u 1997 meta allura skond hu l-barriera kienet qeda tithaddem minnu. In fatti, wara l-eskussjoni tal-perit tekniku, fis-seduta peritali tal-21 ta' Gunju 2005[29] il-konvenut kien iddikjara li ghalaq il-provi tieghu, u dana wara l-verbal maghmul fis-seduta peritali tat-30 ta' Mejju 2005[30] fejn jidher li hu kien qed jaqbel mar-rapport.

Illi rigward l-imsemmija audited accounts esebiti mill-konvenut mal-affidavit tieghu, il-Qorti tosserva li l-komputista li hadimhom iddikjara li dawn gew preparati "from the records and information presented to me by Mr.Joe Magri.[31] u ghalhekk l-awditur ma jista' jiccertifika li dik hija l-istampa reali tal-posizzjoni finanzjarja tal-konvenut fir-rigward tal-barriera, imma dawn il-kontijiet jirrapprezentaw l-istampa finanzjarja rizultanti mill-informazzjoni li l-konvenut kien ghadda lill-komputista nkarigat minnu.

Din il-konsiderazzjoni tassumi certu relevanza fil-materja in ezami, tenut kont tad-differenza sostanzjali ezistenti bejn il-qligh gross attwalment maghmul u kif ikkonstatat mill-perit tekniku, u l-qligh dikjarat fil-kontijiet prezentati minnu. Minn dawn il-kontijiet jirrizulta li l-ispejjez totali ghas-snin 1996 u 1997 jammontaw ghas-somma ta' Lm26,324.44[32], li meta jitnaqqsu mill-qligh gross ta' Lm136,740 stabbilit mill-perit tekniku, jwasslu ghal-figura ta' Lm110,415.56[33] bhala qligh nett f' dawn is-sentejn u li hi sostanzjalment superjuri ghan-nett revenue ta' Lm9,839.20[34] kif dikjarat minnu fl-imsemmija akkonti.

Illi l-attrici ssostni li nofs il-qligh nett huwa dovut lilha bhala sehemha tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Fix-xhieda taghha hija tikkonferma li l-konvenut lilha kien jaghtiha flus ghall-hajja meta ma kienitx tahdem, ghax meta kienet taqla' xi flus mill jhata tghid li "kont nippreferi niehu minn tieghi

---

[29] Fol.415
[30] Fol.417
[31] Fols.206 u 210 – sottolinear ta' din il-Qorti
[32] Lm14,380.16 + Lm11,944.28 = Lm26,324.44
[33] Lm136,740 – Lm26,324.44 = Lm110,415.56
[34] Lm6,543.04 + Lm3,296.16 = Lm9,839.20

ghal bzonnijiet tal-hajja minflok ma nistaqsi lilu u nisma' dagha u ghajjat. Il-flus tieghu dejjem kienu tieghu u ghalih biss….. Hu kellu safe id-dar izda jiena qatt ma kelli cavetta. Il-flus kien izommhom kollha d-dar u ma kienx johodhom il-bank."[35] Hija tghid li meta telaq mid-dar, il-konvenut ha l-flus minn gos-safe "u hadhom mieghu gol-flokk". L-attrici ssostni li fl-ewwel sena biss il-konvenut mill-barriera dahhal Lm20,000. Hija tghid li "Flus qatt ma qsamna bejnietna, pero' kien jaghtini tal-hajja."[36]

Illi minn naha tieghu l-konvenut la cahad, u lanqas ta spjegazzjoni ta' din id-diskrepanza; u fic-cirkostanzi l-Qorti thoss li l-attrici ppruvat sodisfacentement li l-konvenut kellu somma sostanzjali fis-safe li ha mieghu meta telaq mid-dar, li pero' l-attrici ma setghetx tikkwantifika ghaliex il-konvenut kien jahbi minnha. Fic-cirkostanzi, u fin-nuqqas ta' spjegazzjoni da parti tal-konvenut, tikkunsidra gust is-segwenti ezercizju sabiex tasal biex tikwantifika l-kapital fi flus kontanti appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti u li kien gie kontinwament mohbi mill-konvenut; u dan billi mill-qligh nett ta' Lm110,415.56 [kif stabbilit mill-perit tekniku] jigi dedott il-qligh nett ta' Lm9,839.20 [kif dikjarat mill-konvenut], u dana fuq il-probabbilita' li l-flus moghti lill-attrici ghal bzonnijiet tal-hajja kien ikkalkulat fuq din l-ahhar figura. Dan iwassal ghall-figura ta' Lm100,576.36 li n-nofs taghha ta' <u>Lm50,288.18</u> qed jigi meqjus bhala sehem l-attrici mill-qligh nett maghmul mill-gestjoni tal-barriera wara li tnaqqsu l-ispejjez relattivi, dawk moghtija mill-konvenut lill-attrici ghal hajja, u spejjez ohra.

Illi rigward l-introjtu marginali u tenwu li kienet taghmel l-attrici mix-xoghol tal-hjata, il-qorti taqbel mal-perit legali li m' ghandux jitnaqqas mill-imsemmi ammont, stante li l-attrici tghid li kienet tuza dawn il-flus ghall-bzonnijiet tal-hajja.

---

[35] Dep.65 66 - vide ukoll affidavit fol.656
[36] Fol.656

*L-Art f' Hal Ghaxaq*
Illi permezz ta' kuntratt[37] ippubblikat minn-Nutar Victor John Bisazza fit-30 ta' Gunju 1995, il-genituri ta' l-attrici taw b' titolu ta donazzjoni liz-zewg partijiet, "porzjon ta' art diviza ta' art fabbrikabbli fi Triq il-Gdida" skond pjanta annessa ma' l-istess Att.

Ghalhekk ma ghandu jkun hemm ebda dubju li din l-art illum tappartjeni liz-zewg partijiet fi kwoti wgwali, u dan minghajr il-kondizzjoni allegata mill-attrici li l-art kellha tinghata lil binthom E. Minn naha tieghu l-konvenut irid li l-art tinbigh u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet.

Illi din l-arti, illum deskritta bhala Plot B Triq il-Merill, Hal Ghaxaq, giet stmata mill-perit tekniku fis-somma ta' Lm48,000. Din l-istima ma gietx kontestata mill-partijiet, u ghalhekk sehem il-konvenut minn din l-art jista' jigi kwantifikat fis-somma ta' Lm24,000.

*Vetturi*
F' dan ir-rigward il-Qorti tikkondividi u taddotta l-konkluzjonijiet tal-perit legali kontenuti fil-pagna 15[38] tar-rapport taghha; u cioe' li l-attrici tibqa' zzomm il-vettura Renault Cleo, filwaqt li l-konvenut izomm il-van Mitsubishi; kif ukoll li l-l-attrici ghandha kreditu kontra l-konvenut fis-somma ta' Lm750 rapprezentanti sehemha mit-truck li l-konvenut kien bieghu lil Mikiel Agius.

*Depoziti Bankarji*
Illi jidher li ma hemmx kontestazzjonijiet partikolari f'dan il-kaz, anke tenut kont tat-tenwita' tad-depoziti; u l-Qorti tikkunsidera gust li kull parti zzomm il-kont li li llum jinsab fuq isimha.

*Djun*
Illi kull parti tkun unikament responsabbli ghad-djun kontrattat minnha ad insaputa tal-parti l-ohra.

*Sommarju*

---
[37] Fol.366 *et seq.*
[38] Fol.707

Illi mill-likwidazzjoni premessa jirrizulta li l-attrici ghandha tieghu minghand il-konvenut kreditu ta' Lm50,293.23 [barriera] + Lm750 [truck], b' kollox Lm51,043.23; filwaqt li l-konvenut ghandu jiehu minghand l-attrici s-somma ta' Lm8,642.30 [xogholijiet] + Lm4,956.72 [mobbli] + Lm24,000 [art Hal-Ghaxaq], b' kollox Lm37,599.02. Ghaldaqstant il-konvenut qed jigi ordnat jhallas lill-attrici d-differenza ta' Lm13,444.21 ekwivalenti ghas-somma ta' wiehed u tletin elf, tlett mija hamsa u ghoxrin ewro [€31,325].

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, ghar-ragunijiet imputabbli, principalment lill-konvenut u in subsidium lill-istess attrici;

[2] Tilqa' t-tieni talba u tafda l-kura u kustodja tal-minuri E lill-attrici, bl-access kif stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Kura u Kustodja";

[3] Tilqa' it-tielet talba, fis-sens fuq stabblit fis-sezzjoni ntestata "Manteniment";

[4] Tilqa' ir-raba talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti, u tillikwidaha u tassenjha kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Komunjoni ta' l-Akkwisti";

[5] Tilqa' il-hames talba fl-intier taghha;

[6] Tilqa' is-sitt talba fit-termini taghha;

L-ispejjez jigu sopportati konguntivament bejn il-partijiet, in kwantu ghal zewg terzi [2/3] ghall-konvenut, filwaqt li r-rimanenti terz [1/3] jibqa' a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------